**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Mejju, 2019**

**Rikors nru: 127/19 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom fis-7 ta' Novembru, 1998 fil-Knisja Parrokkjali ta' Trinita', il-Marsa (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A).

2. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel bl-isem DB li twieled fl-20 ta' Dicembru, 2001 u li ghalhekk illum ghandu sbatax-il sena.

3. Illi l-kontendenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Ritienne Bugeja Fenech fit-12 ta' Ottubru, 2010 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B).

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadaw mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin (vide Artikolu 4 tal-istess kuntratt).

5. Illi fir-rigward tat-tifel l-esponent jirrileva illi ai termini tal-Artikolu 5 (f) tal-imsemmi kuntratt huwa dejjem hallas lill-intimata l-manteniment dovut ghat-tifel u arretrati m'hemmx.

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

7. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.C.

8. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma soddisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa

s-smiegh tal-partjiiet kif mahsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li kkonferma dak kollu li hemm fil-premessi tar-rikors tieghu.

Rat li l-intimata mhux qed toggezzjona ghall-hall taz-zwieg.

Rat l-Artikolu 66 A u B u C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom separati skond kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech, fit-12 ta' Ottubru, 2010 u ghalhekk ghaddew aktar minn erba' snin rikjesti sabiex jinhall iz-zwieg.

Jikkonfermaw li m'ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li m'hemmx pendenzi ta' manteniment bejniethom u lanqas ghat-tifel minuri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talbiet tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**